# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tlieta u Sittin (63)**

**24 ta' Jannar 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Victor John Curmi – Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier (*dahal ghal-laqgha fil-5.15pm*)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Bajada - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

63.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ipprezenta u qara l-ittra ta' apologija tal-Kunsillier Stefan Bajada li ma setax jattendi ghal-laqgha tal-lum minhabba ragunijiet ta' xoghol.

63.1.2 Il-Kunsilliera prezenti unanimament accettaw din l-apologija.

**63.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-20 ta' Diċembru 2022**

63.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 62 li saret nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2022 wara li ssir il-korrezzjoni proposta mill-Kunsillier Victor John Curmi.

**63.3 Approvazzjoni tal-*quarterly financial report* għall-perijodu Ottubru-Diċembru 2022**

63.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta lill-Kunsill il-*quarterly financial report* għall-perijodu Ottubru-Diċembru 2022 kif ippreżentat mill-*accountant* tal-Kunsill.

63.3.2 Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport finanzjarju li ser jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif jitolbu r-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

## 63.4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

63.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li preżentament qed issir l-evalwazzjoni tal-offerti li ġew sottomessi għall-proġett ta' bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid fil-lokalita' tagħna.

Is-Sindku qal li din l-evalwazzjoni tinsab fl-aħħar fażi tagħha u huwa mistenni li sal-aħħar ta' dan ix-xahar ikollna d-deċiżjoni tal-bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

*Il-Kunsillier Anthony Attard dahal ghal-laqgha fil-5.15pm.*

63.4.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-bord ta' evalwazzjoni li twaqqaf sabiex jevalwa l-offerti li ġew sottomessi għas-servizzi ta' *project management* tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid fil-lokalita' tagħna qiegħed jipproponi li din l-offerta tingħata lill-Perit Leonard Spiteri li kellu l-irħas offerta li kienet *administratively* u *technically compliant.*

Il-Kunsill approva unanimament din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kunsill iddeċieda li, ġaladarba t-*tender* tax-xogħol taċ-Ċentru Ċiviku jiġi *awarded* u t-*tender* tas-servizzi ta' *project management* tal-istess proġett jiġi *awarded*, għandha ssir laqgħa bejn il-partijiet sabiex dan il-proġett ambizzjuż ikun jista' jibda immedjatament ġaladarba diġa' għandna l-permessi neċessarji f'idejna.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandna ninsistu mal-kuntratturi involuti fix-xogħol li qed isir fil-librerija pubblika sabiex jikkonkludu dan ix-xogħol biex tkun tista' ssir ir-rilokazzjoni tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

63.4.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li matul din il-gimgha jiskatta l-perijodu ta' appell tal-offerta pubblika ghax-xoghol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Marga. Dan ix-xoghol ser ikun iffinanzjat b'mod kongunt bejn il-Ministeru ghal Ghawdex u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Fuq rakkomandazzjoni tal-Vici Sindku Aaron Agius, ser issir laqgha mal-Perit Edward Scerri biex naraw li x-xoghol isir sew skont l-ispecifikazzjonijiet tal-offerta.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li t-*tender* ghax-xoghol ta' manutenzjoni ta' hajt tas-sejjieh fi Triq it-Tafla gie *awarded* ilbierah. Dan ix-xoghol ser ikun iffinanzjat kollu mill-Ministeru ghal Ghawdex.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandna nibaghtu nota ta' ringrazzjament lid-Direttur Generali s-Sinjura Vicky Xuereb tad-disponibilita' taghha f'dan ir-rigward u fl-istess waqt, naghtu parir sabiex il-Perit tal-Ministeru jevalwa l-istat attwali ta' dan il-hajt u, jekk ikun il-kaz, jirrakkommanda xi mizuri preventivi li jistghu jittiehdu ghas-sahha u s-sigurta' ta' min jghaddi minn din it-triq. Dan sakemm jinghata bidu ghax-xoghol fuq dan il-progett.

63.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Gimgha 20 ta' Jannar 2023 ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' installazzjoni ta' fanali dekorattivi fis-sqaq li jinsab maġenb l-iskola primarja tax-Xagħra u li jwassal sa quddiem il-Mitħna Ta' Kola. Offerti jibqgħu jintlaqgħu fuq is-sistema tal-ePPS sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgha 14 ta' Frar 2023 fid-9.30am.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandu jinħatar bord ta' evalwazzjoni li jaġġudika l-offerti sottomessi, liema bord ikun iffurmat minn Dr. Larry Formosa LLD bħala *chairman*, il-Perit Johann Camilleri, il-Perita Mariella Xuereb u l-inġinier Matthew Borg Marks bħala *evaluators* filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ikun is-Segretarju tal-bord. Bhala membru sostitut, il-Kunsill qabel li ghandna nappuntaw lil Dr. Mario Scerri LLD.

63.4.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bdejna bil-preparamenti tagħna għall-organizazzjoni tal-attivitajiet tal-Karnival fil-lokalita' tagħna.

Is-Sindku qal li l-programm ser ikun imqassam fuq żewġ attivitajiet – waħda nhar is-Sibt 18 ta' Frar 2023 fis-7.30pm quddiem il-Knisja ta' Ġesu'

Nazzarenu u oħra nhar il-Ħadd 19 ta' Frar 2023 minn nofsinhar 'il quddiem fi Pjazza Il-Vitorja. Qabel l-attivita' tal-Ħadd, il-Banda *Victory* ser iddoqq diversi marċi tal-Karnival mat-toroq Bambina, Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza Il-Vitorja. Is-Sindku qal li bħala preżentatriċi għas-serata tas-Sibt intgħażlet is-Sinjura Sandra Grech filwaqt li l-preżentatur għall-programm tal-Ħadd ser ikun is-Sur Ronald Briffa.

Is-Sindku qal li l-*Assistant Principal* tal-Kunsill, is-Sinjura Josephine Sultana, qed tipprepara l-programm taż-żewġ attivitajiet bis-sehem tal-kumpaniji taż-żfin u l-karrijiet trijonfali li aċċettaw li jipparteċipaw.

63.4.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2023 f'nofsinhar ser issir laqgħa bejn il-Kunsill Lokali tax-Xagħra u l-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Clint Camilleri, rigward diversi materji li jikkonċernaw il-lokalita' tagħna.

Is-Sindku qal li fost l-affarijiet li ser jiġu diskussi mal-Ministeru hemm ix-xogħol ta' asfaltar urġenti li għandu jsir fi Triq Ta' Karkar (liema triq hija *white road* u għaldaqstant taqa' taħt ir-responsabilita' diretta tal-Gvern Ċentrali), it-tkomplija tax-xogħol ta' asfaltar fi Triq Ta' Stellini, l-esproprijazzjoni proposta għal Triq il-Ġebla Ta' Sansuna u l-asfaltar ta' Triq Pergla (minn fejn tagħqad ma' Triq Marsalforn sa ħdejn il-*farmhouses* ta' Julian Sultana). Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera kollha għal din il-laqgħa.

63.4.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar 2023 fis-2.30pm ser issir laqgħa virtwali ma' Dr. Evangelista Leuzzi li qed jikko-ordina l-proġett FUTHURE li tiegħu l-Kunsill Lokali tax-Xagħra huwa *lead partner*. Din il-laqgħa ser issir sabiex tiġi diskussa l-organizazzjoni tal-aħħar avveniment relatat ma' dan il-proġett li ser isir fil-lokalita' tagħna. Minħabba li dan l-avveniment kien propost li jsir fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru 2023, il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil Dr. Leuzzi sabiex jipposponi dan l-avveniment bil-għan li ma jaħbatx mal-granet tal-festa titulari ta' Marija Bambina.

Fuq nota oħra, is-Sindku qal li għandna nibdew it-tħejjijiet tagħna sabiex norganizzaw skambju kulturali ta' żgħażagħ ma' Offida u San Michele

Salentino fl-Italja. Fir-rigward ta' Offida, il-Kunsill qabel li ghandna nifthu din is-sejha wkoll ghall-persuni li jahdmu l-bizzilla fil-lokalita' taghna u li prezentament qed jattendu ghall-kors li qed joffri l-Kunsill.

63.4.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ghandna nibdew bit-thejjijiet taghna ghall-organizazzjoni tal-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti fil-lokalita' tagħna.

Is-Sindku qed jipproponi li l-edizzjoni ta' din is-sena ssir nhar is-Sibt 24 ta' Ġunju. Dan sabiex tiġi evitata s-sħana qalilna ta' Lulju / Awwissu u fl-istess waqt, isir fi żmien li matulu jkun hawn il-frotta tal-bajtar ta' San Ġwann li hija tip ta' tina lokali. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard informa lill-Kunsill li l-Ministeru ghal Ghawdex accetta t-talba taghna ghall-finanzjament u ser jassistina bis-somma ta' € 5,000 sabiex inkunu nistghu norganizzaw dan l-avveniment.

Is-Sindku qal li matul dawn il-jiem saret laqgha mas-Sur Joseph Buttigieg u mas-Sinjura Maria Anna Farrugia mid-Dipartiment tal-Kultura fil-Ministeru għal Għawdex sabiex naraw il-possibilita' li l-Ministeru għal Għawdex jassistina fl-għażla tal-kumpaniji lokali li jesebixxu prodotti lokali waqt dan il-festival.

Il-Kunsillier Victor Curmi issuggerixxa li tinstab kumpanija li tiehu hsieb il-ko-ordinament tal-i*stalls* li ser jippartecipaw f'dan il-festival filwaqt li jsir suggeriment lis-sidien tar-ristoranti tal-pjazza sabiex jaghmlu specjalita' tat-tin fil-*menu* taghhom ghal dan il-*weekend.* Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u ser nikkuntattjaw lis-Sur Quinton Scerri jew lis-Sur Richard Grech sabiex naraw id-disponibilita' taghhom f'dan ir-rigward.

63.4.9 Il-Kunsill iddiskuta l-*performance appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard u l-impjegati klerikali fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għas-sena 2022.

Il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard għandu jieħu *full performance bonus* ta' 10% filwaqt li l-*Assistant Principal*

Josephine Sultana u l-iskrivana Cheryl Lee Ann Bajada jieħdu *full performance bonus* ta' 6% kull waħda. Fil-każ tas-Sinjura Bajada, il-*performance bonus* ser jinħadem pro rata mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Diċembru 2022.

63.4.10 Is-Sindku Dr. Christian Zammit ghamel riferenza ghax-xoghol li sar fil-passagg ta' quddiem il-Knisja ta' Sant'Anton Abbati.

Is-Sindku qal li meta nqalghet din il-kwistjoni, huwa sahaq mar-Rettur tal-Knisja ta' Sant'Anton li x-xoghol ta' manutenzjoni fuq dan il-passagg ma jistax isir mill-Kunsill sakemm ma tkunx ipprovduta dikjarazzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet li dan il-passagg huwa propjeta' pubblika. Is-Sindku qal li, fis-6 ta' Settembru 2022, l-Awtorita' tal-Artijiet iddikjarat li ma nstabu l-ebda *records* ta' dan il-passagg u ghaldaqstant l-Awtorita' ma tistax tiddikjara jekk dan l-imsemmi passagg huwiex propjeta' pubblika jew propjeta' privata. L-Awtorita' qalet ukoll li jista' jkun li dan il-passagg huwa propjeta' tal-Knisja li ghadha trid tigi registrata.

Il-Kunsillier Anthony Attard sahaq li fl-2017 il-Kunsill Lokali tax-Xaghra kien hareg offerta pubblika sabiex isir xoghol ta' pavimentar gdid fuq dan il-passagg, liema offerta kienet fil-fatt giet *awarded.* Huwa qal li sahansitra kienet tressqet applikazzjoni ghal dan ix-xoghol quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar, liema applikazzjoni kienet giet approvata u fil-fatt ghad hemm permess attiv li jiskadi fis-sena 2024. Il-Kunsillier Anthony Attard qal li jinsab iddizappuntat li gie zgwidat dwar din il-kwistjoni u sahaq li bhala Kunsill, ghandna niehdu l-passi kollha necessarji biex min ghamel ix-xoghol illegali ta' *patching* f'dan il-passagg jirrispondi ghal ghemilu u jaghmel ix-xoghol li kellu jsir skont il-permess kif mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar favur il-Kunsill Lokali tax-Xaghra.

Min-naha tieghu, is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li hu ma jrid li jkollu x'jaqsam xejn ma' dan il-passagg galadarba m'hemmx konferma mill-Awtorita' tal-Artijiet jekk dan hux pubbliku jew privat u ghaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jigi irtirat il-permess mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar favur il-Kunsill Lokali tax-Xaghra. Minhabba li ma kienx hemm qbil fuq din il-materja, il-Kunsill qabel li dan is-suggett ghandu jerga' jitressaq ghad-diskussjoni fil-laqgha li jmiss.

63.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit ghamel riferenza ghall-permess tas-*sand sifting* ghall-bajja tar-Ramla l-Hamra li gie approvat mill-ERA f'Settembru li ghadda. Is-Sindku qal li huwa tkellem mas-Sinjura Amity Galea, *beach manager* fl-Ministeru ghal Ghawdex, u hi tal-opinjoni li dan il-process isir lejn l-ahhar ta' April u l-bidu ta' Mejju 2023. Dan sabiex ix-xoghol ikun konkluz qabel ma jibda l-istagun tas-sajf.

Il-Kunsill qabel ma dan is-suggeriment u ser naraw li l-process isir skont metodi u protokolli li jkunu approvati mill-awtoritajiet kompetenti, fosthom l-Awtorita' Maltija ghar-Rizorsi (ERA).

**63.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

63.5.1 Il-Vici Sindku Aaron Agius staqsa dwar jekk kienx hemm xi zvilupp fuq ix-xoghol ta' tisbieh li kellu jsir fi Triq Ta' Garaffa. Is-Sindku wiegeb li din il-materja ser tigi diskussa fil-laqgha li ser issir mal-Ministru ghal Ghawdex nhar il-Hamis 26 ta' Jannar.

63.5.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar fejn ser jitpoggew il-magni tal-BCRS fil-lokalita' taghna. Is-Sindku wiegeb li sa issa m'ghandniex informazzjoni dwar dan.

B'zieda ma' dak li gie propost fil-laqgha precedenti tal-Kunsill, il-Kunsillier Victor Curmi propona u l-Kunsill qabel li ghandna nressqu s-suggeriment li wahda minn dawn il-magni titpogga fil-parti ta' isfel tal-*playing field* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Dan bil-kundizzjoni li din iz-zona tkun mghassa kontinwament b'*CCTV camera*.

63.5.3 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-possibilita' li jitnaddaf il-Wied tal-Ghejjun li jaqa' taht ir-responsabilita' tal-Ministeru ghal Ghawdex. Is-Sindku wiegeb li din il-materja ser tigi diskussa fil-laqgha li ser issir mal-Ministru ghal Ghawdex nhar il-Hamis 26 ta' Jannar.

63.5.4 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-possibilita' li jsir xoghol ta' manutenzjoni fit-trejqa magenb il-Wied tar-Ramla fejn prezentament ikun

hemm il-papri. Is-Sindku wiegeb li ser niddiskutu din il-materja mal-Ministru ghal Ghawdex.

**63.6 Qari tal-Korrispondenza**

63.6.1 E-mail mid-Direttorat ghall-Wirt Kulturali fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex b'informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Ghid 2023 f'Ghawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.2 Cirkulari numru 11/2022 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Emendi fir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Rizorsi Umani) Legislazzjoni Sussidjarja 363.20'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.3 Direttiva numru 01/2023 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Performance Appraisal tas-Segretarji Ezekuttivi'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.4 Ittra minghand Antoine Mercieca, Direttur Muzikali tal-Fondazzjoni Santa Cecilja, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex il-Kuncert tal-Milied 2023 isir mill-Kor Santa Cecilja.

Il-Kunsill accetta din it-talba u ser nitolbu lis-Surmast Antoine Mercieca sabiex jipprezenta stima tal-ispejjez involuti sabiex titressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

63.6.5 Cirkulari numru 001/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Call for Applications to participate in the 2023 edition of the Rejuvenating Politics Initiative'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.6 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill Lokali japplika ghall-fondi ta' aggustament ghas-sena 2023. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal dawn il-fondi sabiex permezz taghhom isir ix-xoghol ta' tiswija tal-funtana li tinsab fil-gnien pubbliku faccata tal-Mithna Ta' Kola.

63.6.7 E-mail minghand Transport Malta li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jipprezenta *traffic management plan* ghal Triq Knisja (mil-Logga '1 isfel).

Il-Kunsill innota li din it-*traffic management plan* taqa' taht il-kompetenza diretta ta' Transport Malta.

63.6.8 E-mail mir-Regjun Ghawdex b'informazzjoni dwar dokument bit-tema 'Ghal Ghawdex 10 point plan' li fih numru ta' proposti li saru lir-Regjun minn diversi zghazagh Ghawdxin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.9 E-mail minghand Rosemary Bajada, Segretarja tal-Ghaqda Nar Xaghra, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' attivita' kulturali nhar is-Sibt 11 ta' Frar 2023.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora f'din l-attivita' kulturali bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 700.

63.6.10 Cirkulari numru 002/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Polza tal-Assikurazzjoni tal-Flus ghall-Kunsilli Regjonali u Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill qabel li ghandu jissieheb f'din il-polza ta' assikurazzjoni.

63.6.11 Cirkulari numru 003/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Personal Accident Policy'. Il-Kunsill qabel li ghandu jissieheb f'din il-polza ta' assikurazzjoni.

63.6.12 Cirkulari numru 004/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Save the Date: Consultation Session on Malta's Sustainable Development Strategy for 2050'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.13 Komunikazzjoni mid-Direttur Generali tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Ghawdex li b'effett mit-2 ta' Jannar 2023, ir-responsabbilita' tal-immaniggjar tal-iskart bdiet tigi ezercitata mill-Kunsilli Regjonali abbazi tal-Artikolu 37B tal-Att dwar Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.14 E-mail minghand Francienne Muscat, Segretarja tal-Kumitat Organizattiv tal-Maratona Annwali ta' Ghawdex, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni tal-Maratona Annwali li ser tigi organizzata nhar il-Hadd 30 ta' April 2023.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' annwali bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 3000.

63.6.15 E-mail minghand is-Sur Joseph Cutajar, Direttur ta' Eko-Ghawdex fil-Ministeru ghal Ghawdex, li fiha qed jipproponi sit alternattiv fejn jista' jitqieghed il-monument tal-artist Xaghri, is-Sur Mario Agius. Dan is-sit gie mibdul mir-roundabout Ta' Hamet ghall-kantuniera bejn Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Triq ix-Xaghra.

Il-Vici Sindku Aaron Agius u l-Kunsillier Anthony Attard qalu li ma jaqblux mas-sit propost minhabba li fih diga' hemm propost li jsir monument ta' merhba fix-Xaghra iddisinjat mill-artist Xaghri Marvic Muscat.

Il-Kunsillier Victor Curmi qal li huwa ma jsibx oggezzjoni ghas-sit propost minhabba l-probabilita' kbira li tezisti li l-monument tal-artist Marvic Muscat ma jsirx minhabba li jammonta ghal eluf kbar ta' Ewros u ghaldaqstant is-sit ser jibqa' vojt.

Wara diskussjoni, il-Kunsill ma accettax is-sit kif propost. Il-Kunsill qabel li dan il-monument ghandu jitpogga fir-*roundabout* Ta' Hamet filwaqt li jigi inkorporat mas-sigar tal-palm prezenti jew inkella fir-*roundabout* quddiem Ta' Saré fit-triq principali li mir-Rabat twassal ghax-Xaghra.

63.6.16 Kwotazzjoni minghand is-Sur George Curmi (il-Puse') ghal servizz muzikali waqt il-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti li ser jigi organizzat fi Pjazza Il-Vitorja nhar is-Sibt 24 ta' Gunju 2023. Din il-kwotazzjoni tammonta ghas-somma ta' € 1700 (VAT eskluza). Il-Kunsill accetta din il-kwotazzjoni.

63.6.17 E-mail minghand Angelo Bonello, *qualified fitness instructor*, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jikkunsidra li jorganizza *fitness*

*classes (open air)* bi prezz issussidjat ghar-residenti tal-lokalita' taghna. Il-Kunsill accetta din il-proposta u ser naraw meta jkun disponibbli l-grawnd tal-futbol ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

63.6.18 E-mail minghand il-Kav. Joe M. Attard li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Ghawdxin bi ktieb gdid li ghadu kif ippubblika bl-isem 'It-Tifkira'. Il-Kunsill qabel li ghandna nixtru kopja ta' dan il-ktieb ghal-librerija pubblika taghna.

63.6.19 Cirkulari numru 005/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Interactive Interview Skills Course 27/01 – 28/01/2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.20 Ittra minghand Joseph Bajada, Segretarju tas-Socjeta' Filarmonika *Victory*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' Kuncert ta' Muzika Sagra fl-okkazjoni tal-festi tal-Gimgha Mqaddsa li ser isir nhar is-Sibt 25 ta' Marzu 2023 fis-7.30pm fil-Knisja Bazilika ta' Marija Bambina.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' dan il-Kuncert muzikali bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 1200.

63.6.21 Cirkulari numru 01/2023 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Gheluq tas-Sena Finanzjarja 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.22 E-mail minghand Dr. Noel Zammit, Kap Ezekuttiv ta' *Heritage Malta*, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra li rigward l-i*scaffolding* li qed ikun hemm fic-Cirku ta' Brockdorff fil-lokalita' taghna, dan qed iservi ta' sostenn ghall-megaliti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.23 E-mail minghand Dr. Lydia Abela, mart il-Prim Ministru Robert Abela, li fiha qed tirringrazzja lill-Kunsilli Lokali kollha li ippartecipaw fl-inizjattiva 'Rigal b'Imhabba' fil-jiem tal-Milied 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.24 E-mail minghand is-Sur John Borg, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra li l-Ministeru ghal Ghawdex ser jaghti *sponsorship* ta' 5,000 Ewro ghall-

festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti li ser isir nhar is-Sibt 24 ta' Gunju 2023. Il-Kunsill irringrazzja lill-Ministeru ghal Ghawdex ghal din l-ghotja sabiha.

63.6.25 E-mail minghand Josmar Azzopardi, residenti fi Triq Ta' Gorf, li fiha qed jitlob lill-Kunsill (i) kopja tal-*masterplan* li saret ghall-qalba tal-lokalita' taghna u Triq Ta' Gorf u (ii) tigi deciza l-kwistjoni tal-*one-way* fi Triq Ta' Gorf.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit innota li matul din il-legislatura gew implimentati numru sabih ta' *one-ways* fil-qalba tar-rahal bil-ghan li tigi mitigata l-problema kbira tat-traffiku fil-lokalita' taghna. Is-Sindku innota li Triq Ta' Gorf tinsab fil-pjanijiet tal-Kunsill u din ser issir *one-way* fil-mument propizju.

63.6.26 Cirkulari numru 006/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Mental Health Awareness Course'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.27 E-mail minghand is-Sur Joseph Xerri, Surmast tal-Iskola Primarja tax-Xaghra, b'numru ta' punti rigward il-proposta li ssir rampa li taghti ghall-bitha tal-iskola fl-isqaq li jwassal ghall-Mithna Ta' Kola.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgha 18 ta' Jannar 2023 saret laqgha dwar dan is-suggett li ghaliha kienu prezenti hu, is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard, is-Surmast tal-Iskola Joseph Xerri, il-Principali tal-Kullegg ta' Ghawdex Dr. Sean Zammit, is-Sur Rueben Mercieca u s-Sur Ramon Deguara bhala ufficjali mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Is-Sindku qal li matul din il-laqgha ssemmiet il-proposta li ssir din ir-rampa bil-ghan li tithares aktar is-sahha u s-sigurta' tat-tfal Xaghrin li jattendu l-iskola primarja tal-lokalita' taghna. Dan l-aktar waqt id-dhul u l-hrug tat-tfal mill-iskola.

Peress li jidher li ghalissa m'hemmx qbil fuq din ir-rampa, il-Kunsill qabel li ghalissa jithalla kollox kif inhu fil-prezent filwaqt li nibqghu nahsbu fuq metodi alternattivi li jistghu jghinu f'dan ir-rigward.

63.6.28 Cirkulari numru 007/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Laqghat ghall-VOs fil-Lokalitajiet'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.29 Cirkulari numru 008/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'International Epilepsy Day – 13 February 2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.30 Cirkulari numru 009/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'New Publication: Nature-based Placemaking in High-Density Cities'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.31 Cirkulari numru 010/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Local Councils that have a Day Centre or an organised elderly group'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.6.32 E-mail minghand il-Kav. Carmel Zammit, President tal-Fondazzjoni JP2, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' Kuncert muzikali li ser isir fil-Knisja Bazilika ta' Marija Bambina nhar il-Gimgha 14 ta' April 2023.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' dan il-Kuncert muzikali bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 3000.

63.6.33 E-mail minghand is-Sinjura Mariah Farrugia rigward ir-registrazzjoni ghal-*Lifelong Learning Courses* li ser isiru matul is-sena 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**63.7 Ilmenti mir-residenti**

63.7.1 Talba mingħand is-Sur Emmanuel Mercieca ta' 13A, Emica House, Triq tal-Qacca, sabiex issir *communal reserved parking bay* ghad-*disabled* quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

63.7.2 Talba minghand Joseph Hili ta' 2, The Rock, Triq Santa Verna, sabiex (a) isir zewg *sleeping policeman* fi Triq Sant'Anton u (b) jigu estizi s-sinjali li

jipprojbixxu l-ipparkjar li saru ricentament f'din it-triq. Il-Kunsill ma accettax din it-talba pero' ser ninsistu mal-Pulizija u l-Agenzija tal-Infurzar Lokali (LESA) sabiex jitilghu bl-i*speed guns* f'din iz-zona u anke fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

63.7.3 Talba minghand Joseph Refalo ta' 15, Triq Ta' Gajdoru, sabiex issir *traffic management plan* fi Triq it-Tigrija kantuniera ma' Triq Vestru. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

63.7.4 Talba minghand Catherine Mercieca ta' 'Stella Maris', Triq San Guzepp, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-garaxx tar-residenza taghha. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

63.7.5 Talba minghand Tania Theuma ta' 'Edera', Triq Vestru sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naha tal-garaxx tar-residenza taghha. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

63.7.6 Talba minghand Charlie Said ta' Triq Parisot sabiex jitnaddaf passagg pubbliku fi Triq Ghajn Hosna minhabba li l-bdiewa qed ikollhom diffikulta' biex jaccessaw l-ghelieqi taghhom. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir fil-bidu tas-sajf.

63.7.7 Talba minghand is-Sur Joseph Xerri, Surmast tal-Iskola Primarja tax-Xaghra, sabiex jitnaqqas bi kwarta filghodu u kwarta wara nofsinhar il-hin tal-hrug u d-dhul tat-tfal mill-iskola primarja tax-Xaghra. Dan sabiex il-hinijiet jergghu jigu ghal dawk li kienu qabel il-pandemija tal-Covid-19. Il-Kunsill accetta din it-talba. Il-hinijiet il-godda ser jidhlu fis-sehh minn nhar l-Erbgha 1 ta' Frar 2023.

**63.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

63.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

63.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**63.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

63.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.25pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2023 fil-5.30pm fl-uffiċċju amministrattiv b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**